SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 44-18**

**23 ta' Ġunju 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fid-9.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Caroline Galea - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Liam Sciberras - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**44.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsillier Liam Sciberras. Is-Sur Sciberras informa l-Kunsill li kien jinsab indispost.

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 43-18**

**44.2.1** ***SLLC(RC)57-18-03 – Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku Mill-Lokalita' ta' Santa Luċija, b'Metodu Favur l-Ambjent***

Is-Sindku rrefera għal minuta 43.2.7 u tkellem dwar l-andament tal-kuntratt hawn fuq imsemmi li beda fl-1 ta' Ġunju 2018 u qal li kien hemm xi problemi żgħar fil-bidu li ġew indirizzati.

**44.2.2** ***Manutenzjoni ta' monument***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-manutenzjoni tal-monument f'Dawret it-Torri ser issir il-ġimgħa li jmiss.

**44.2.3** ***Proposta ta' Malta Textile Recycling***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser ikollu laqgħa ma' rappreżentant ta' Malta Texitile Recycling biex tiġi stabbilita' l-ġurnata u l-ħin li fihom ser jingħata dan is-servizz. Huwa qal li ser jinħareġ avviż għar-residenti f'dan ir-rigawd.

**44.2.4** ***Transport Malta – Proposta ta' Żebra Crossing u Road Hump fi Triq Peprin***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 43.5.4 u qal li fi Triq Peprin kien hemm bollard u *handrail* li għadhom ma ġewx *reinstated*. Huwa qal ukoll li bil-mod kif saru s-sinjali tat-toroq intilfu żewġ *parking bays*.

**44.2.5** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Kunsillier Bonello ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' minuta 43.6 tal-kliem - *għoxrin anniversarju tal-Ġnien is-Serenita'* trid tiġi l-*wieħed u għoxrin anniversarju* tal-Ġnien is-Serenita'

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 44-18 ġew approvati mill-Kunsill kif emendati.

**44.3** ***Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti***

**44.3.1** ***Xiri ta' spare parts għal-pompi fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsill approva x-xiri ta' *spare parts* biex tkun tista ssir manutenzjoni tas-sistema tal-*filtration room* fi Ġnien is-Serenita.

**44.3.2** ***Kwotazzjoni għal xogħol fuq dawl tat-toroq fuq iż-Żuntier tal-Knisja***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għas-somma ta' 2,035.00 euro Vat eskluż biex isir xogħol involut biex jiġu ikkonnetjati żewġ lampi mad-dawl tat-toroq f'Dawret it-Torri.

**44.3.3** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM44-18 għall-perjodu bejn il-25 ta' Mejju 2018 sal-14 ta' Ġunju 2018 u minn *cheque* numru BOV 7232 sa *cheque* numru BOV 7267.

**44.4** ***Komunikazzjonijiet mis-Sindku***

**44.4.1** ***Skema – Manutenzjoni tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern***

Is-Sindku qal li l-Awtorita' tad-Djar infurmat li peress li Blokk M għandu żewġ entraturi dan jitqies bħala żewġ binjiet separati. Għaldaqstant jistgħu jipparteċipaw fl-iskema r-residenti ta'entratura waħda. Il-Kunsill qabel li għandhom jibdew minn entratura tal-bieb tar-residenti tal-appartamenti 1-8. Għandhom jintbagħtu l-ittri biex jinfurmaw lil dawn ir-residenti dwar il-laqgħa ta' informazzjoni li ser ikollhom mas-Sindku.

**44.4.2** ***Taħdidiet Edukattivi dwar is-Saħħa***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar proposta ta' taħdidiet dwar is-saħħa, bl-isem ta' Kura Primarja tas-Saħħa organizzati mid-Dipartiment tal-Kura Primarja. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

**44.4.3** ***Measure 4.3***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li t-talba tal-Kunsill biex id-data tat-tlesitija tal-proġett tiġi estiża sat-30 ta' Settembru 2018 ġiet approvata mill-Change Request Review Board.

**44.4.4** ***Sparar tal-Festa tad-Duttrina f'Ħal Tarxien***

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul it-talba għan-*no objection* b'rabta mal-permess li toħroġ il-pulizija fir-rigward tal-ħruq tan-nar tal-festa tal-Madonna tad-Duttrina. Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni tal-ilmenti u l-konsegwenzi li jgħaddu minnhom ir-residenti kull meta jsir il-ħruq tan-nar tal-festi mill-għalqa tal-Isqajjaq ta' isfel limiti ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mar-rappreżentanti tal-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina qabel joħroġ in-*no objection* min-naħa tal-Kunsill.

**44.4.5** ***Nuqqas ta' attendenza għall-laqgħat tal-Kunsill***

Is-Sindku tkellem dwar in-nuqqas ta' attendenza għall-laqgħat tal-Kunsill tal-Kunsilliera Caroline Galea li naqset li tattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat imsejħa f'dawn l-aħħar sitt xhur. Il-Kunsilliera Galea tat ir-raġuni għala ma setgħetx tattendi għal xi laqgħat fil-perjodu msemmi. Il-Kunsill qabel li dan in-nuqqas ta' attendenza kien dovut għal raġuni mill-aktar ġustifikata. Is-Sindku indirizza lill-Kunsilliera Galea u offriela s-sapport għal kull għajnuna li jkollha bżonn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali, il-Ministru għandu jiġi nfurmat bin-nuqqas ta' attendenza u dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill b'dan ir-rigward.

**44.4.6** ***Siġar ħdejn il-Monument ta' Karl Chircop***

Qamet diskussjoni dwar it-tħawwil ta' siġar fl-*area* tal-monument ta' Karl Chircop. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kien qabel li jsiru biss seba' siġriet wara l-monument. Huwa qal li l-Perit Matthew Briffa li ħa d-deċiżjoni li jħawwel dawk is-siġar kollha, m'għandux *idea* ta' *landscaping*. Huwa qal li fuq quddiem tal-monument irid jitlaq kollox iżda jidher li qed ikun hemm it-tkaxkir tas-saqajn biex jinqalgħu dawn is-siġar. Is-Sindku qal li kollox ser jiġi rranġat u serraħ ras il-Kunsill dwar hekk.

**44.4.7** ***Attivitajiet waqt il-ġranet tal-Fifa World Cup***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fil-5 ta' Lulju 2018 ser jittella' Play Station *Tournament* fil-Picnic Area. Huwa ta' dettalji tar-registrazzjoni u premijijiet. Huwa qal ukoll li din l-attivita' ser issir b'risq l-ALS. Is-Sindku qal ukoll li fit-28 ta' Ġunju 2018 ser ikun hemm Fun Bus fi Triq Pepprin għad-divertiment tat-tfal.

**44.4.8** ***Xogħol Klerikali fuq bażi part-time***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li talba biex il-Kunsill jimpjega ħaddiem klerikali fuq bażi *part-time* kienet ġiet aċċettata mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

**44.4.9** **Applikazzjoni għal permess għal użu tal-Ġnien is-Serenita'**

Il-Kunsill iddiskuta applikazzjoni għal permess għal użu ta' Ġnien is-Serenita'. Billi din l-applikazzjoni kienet tirrigwarda attivita li għandha rabta politika l-Kunsill iddeċieda li jistabbilixxi rata għal użu tal-Ġnien għal attivitajiet simili. Il-Kunsill qabel li l-ħlas dovut għal użu tal-Ġnien fuq attivitajiet li jiġu organizzati minn politiċi għandha tkun rata fissa ta' 200.00 euro.

**44.4.10 Ħarġa għal Għawdex**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsillier Bonello ser jorganizza ħarġa għal Għawdex nhar l-Erbgħa 8 ta' Awissu 2018.

**44.5 Ġieħ Santa Luċija**

Il-Kunsill iddiskuta in-nominazzjonijiet li rċieva l-Kunsill għal-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija għas-sena 2018. Ġew approvati in-nominazzjonijiet għal Ġieħ Santa Luċija, imressqa mill-Viċi Sindku, dawk tas-Sur Gino Cauchi u tas-Sur Damien Attard. Ġew approvati in-nominazzjonijiet imressqa mill-Kunsillier Liam Sciberras, dawk tas-Sur John Attard u tas-Sinjura Josephine Vella. Il-Kunsill iddeċieda li dawn it-tnejn tal-aħħar jingħatalhom Gieħ Santa Luċija Għas-Servizz fil-Kommunita'. Il-Viċi Sindku ta dettalji tas-serata bl-isem ta' Coming of Age u dwar iċ-ċerimonja tal-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija 2018. Huwa qal li il-preżentazzjoni ser issir f'nofs il-Kunċert. Huwa qal ukoll li wara l-presentazzjoni ser jinġabru d-donazzjonijiet għall-ALS.

**44.6 Rotta 83 – Bus Terminus fi Triq Ġuljetta Lopez**

Is-Sindku qara l-aħħar korrispondenza li rċieva l-Kunsill minn Trasport Malta fir-rigward tar-Rotta 83 fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-unika soluzjoni għal problema eżistenti kienet li r-rotta issir waħda ċirkulari. Is-Sindku semma s-suġġeriment li kienu għamlu uffiċċjali tat-Transport Pubbliku ta' Malta. Saret referenza għar-*route time indicators* li jipprovdu informazzjoni eletronika. Il-Kunsilliera Galea qalet li dawn, jekk jiġu jkun aħjar, iżda l-Kunsill ma jistax jorbot id-deċiżjoni ma' dawn l-RTI. Hija saħqet li trid tittieħed deċiżjoni.

Il-Kunsill qabel li jirrisolvi f'kumitat ħalli jisma x'għandhom xi jgħidu r-residenti li kienu preżenti għal laqgħa. Wara li l-Kunsill sema l-kummenti tar-residenti kompla bil-laqgħa u bid-diskussjoni dwar it-tweġiba ta' Transport Malta. Is-Sindku ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku biex il-Kunsill jaċċetta l-proposta li Rotta 83 issir waħda ċirkulari. Il-membri kollha tal-Kunsill preżenti għall-laqgħa ivvutaw favur din il-mozzjoni.

**44.7 Offerta PC(57-18-02) Kumitat ta' Evalwazzjoni**

Il-Kunsill ħatar il-membri tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-offerta hawn fuq imsemmija kif ġej:
Chairperson: Terrence Ellul (Sindku)
Evalwatur (Legali) Liam Sciberras (Kunsillier)
Evalwatur ( Finanzi) Frederick Cutajar (Viċi Sindku)

Evalwatur (Tekniku) Caroline Galea(Kunsilliera)
Segretarju Caroline Silvio (Segretarju Eżekuttiv)

Il-Kunsillier Bonello inħatar bħala osservatur.

**44.8 Proġett Sebbaħ il-Lokalita'**

Is-Sindku rrefera għall-Inizjattiva tal-Awtorita' tal-Ippjanar bl-isem Sebbaħ il-Lokalita' fejn il-Kunsill jista jibbenifika minn fondi li jammontaw 50,000.00 biex isiru proġetti ta' tisbieħ fil-lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta proposti ta' proġett li jista jsir b'dawn il-fondi. Ġie propost li jsir proġett fl-*area* ta' wara l-ħwienet f'Dawret it-Torri bi tlett sulari u basement. Din il-binja għandha jkollha fiha l-uffiċini tal-Kunsill. Il-post fejn bħalissa hemm l-Uffiċċju tal-Kunsill għandu jseri bħala librerija hekk kif jitlesta dan il-proġett. Preżenti għall-laqgħa kien hemm ukoll il-Perit tal-Kunsill li ta' pariri tekniċi fuq din il-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jridu jsiru l-pjanti u l-istimi u jinġieb permess tal-Mepa.

**44.9 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqu l-ebda mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**44.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-11.30a.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Lulju 2018 fl-5.30p.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

**Terrence Ellul**
**Sindku**

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**